**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kawża numru: 3/2024 CFF**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Priviledge Mupimhidzi**

**Illum 16 ta’Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Priviledge Mupimhidzi ta’ 37 sena, iben Patrick u Veronica nee’ Zammit, imwieled Zimbabwe nhar l-14 t’Ottubru 1986 u residenti ġewwa 76, Chalanna Flat 2, Triq l-Ghannejja, Birżebbuġa u detentur tal-karta ta’ Identità bin-numru 012380L.

F’isem ir-Repubblika ta’ Malta nakkuzawh talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u tlieta għoxrin (2023) għal ħabta ta’ bejn it-tmienja u kwart ta’ filgħaxija (20:15) u d-disgħa nieqes kwart ta’ filgħaxija (20:45) ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-gżejjer:

1. Irrenda ruħhu kompliċi ta' serq ta' madwar erba' mija u ħamsin ewro (450 ewro) fi flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), u li sar għad-dannu ta' Trevor Calleja u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

   (*Artikoli 42, 43, 261 (c)(f); 263(a); 267; 270; 280(1) tal Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè vettura tal-għamla Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni JBB424 liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (2500 ewro) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (250) u dan għad-dannu ta' Trevor Calleja u /jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

   *Artikolu 325 (1)(b) tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, tikkundanna lil Priviledge Mupimhidzi bħala reċidiv b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mhassra u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-imputat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kodiċi Kriminali u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 382A u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Trevor Calleja hawn fuq indikat;

Għaldaqstant, filwaqt li qed jesebixxu dokument ta' identifikazzjoni u l-fedina penali tal-imputat nitolbu li dan il-każ jiġi nvestigati skond il-liġi;

Il-prosekuzzjoni qrat u ikkonfermat bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè, dok SZ sa dok SZ5, dok TC1 riċevuta ta' kemm inġibdu flus, dok TC2, dok SZ7, dok MG1, dok MG2, FC1, FC2dok SKZA u dok SKZB, doc TCA u dok TCB.

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioè lil Trevor Calleja, l-Ispettur Sara Kathleen Zerafa, PS 2392 Martina Grech, PC 397 Ramona Magro, Eric Joe Calleja, Shanelle Farrugia, Dr Franklin Calleja.

Xehed ukoll l-imputat Priviledge Mupimhidzi minn jeddu fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Trevor Calleja** xehed u qal li fid-29 ta' Diċembru kien għamel rapport waqt li kien qiegħed fejn is-salib tal-Marsa ġewwa l-Marsa. Wara li mar lura lejn il-karozza tiegħu avvicinawh żewġ persuni li kienu mara u raġel sabiex jagħtihom żewġ sigaretti. Fil-pront ir-raġel jitlaq minn ħdejh waqt li l-mara baqgħet hemm. Il-mara talbitu żewġ ewro u tahomla wkoll. Huwa kellu 450 ewro fil-kartiera tiegħu minħabba li kien għadu kemm ġibed xi flus minn ġewwa l-magna. Fil-pront, il-mara daħlet fil-karozza tiegħu u qalilha biex toħroġ il' barra u ra li taht kien hemm il-kartiera u l-flus ma kienux fiha. Meta iffaċċja minħabba li kienu insterqu l-flus, wasal l-imputat u ixxuttja l-vettura tiegħu. Dak il-hin l-imputat ma kienx hemm meta kien qiegħed jiffaċċja lill-mara dwar il-flus. L-imputat beda jidgħi u qallu biex jitlaq l' hemm. Fil-fatt huwa hekk għamel u mar jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija. Meta mar Pulizija sabiex ifittxu lil dawn iż-żewġ persuni, għaraf lil mara u wara raw anki lill-imputat u ġew arrestati.

In kontro-eżami huwa nnega li kien avvicinah l-imputat sabiex jgħidlu fejn imur bil-fliexken minħabba l-magna tal-BCR ma bdietx taħdem. Huwa qal li l-mara daħlet fil-karozza tiegħu u hu daħal ġewwa u qalilha biex toħroġ barra. Huwa kkonferma li l-għajjat tal-mara beda meta hu beda jgħidilha li ħadet il-flus u kien dak il-hin li resaq l-imputat fuqhu. Meta qallu li l-mara kienet serqitlu l-flus, l-imputat qabad u ta daqqa fil-bieba tal-vettura. Huwa wara mar jagħmel rapport l-għassa tal-Ħamrun minħabba dak li kien gara.

**L-ispettur Sarah Kathleen Zerafa** kienet ġiet infurmata fuq rapport ta' serq meta Trevor Calleja kien qiegħed jpoġġi fliexken ġewwa magna tal-BCRS ġewwa Triq is-Salib fil-Marsa fejn

kienu avvicinawh żewġ persuni. Skont ir-rapport waħda minn dawn il-persuni li kienet mara kienet serqitlu l-kartiera li kellu xi flus fihom. Il-Pulizija flimkien mal-vittma kienu marru jduru fl-akkwati fejn ġiet arrestata Shanelle Farrugia u wara anki l-imputat. Il-Pulizija kienu ġabru xi filmati wkoll minn CCTV li kienu fl-akkwati. Mill-filmati li ġew esebieti kienu jidhru żewġ persuni, mara u raġel u f'hin minnhom il-mara tidher tidhol fil-karozza u minn dak li rat kien jaqbel ma' dak li kien spjega Trevor Calleja. L-imputat kien ġie arrestat u ġiet meħuda stqarrija. Fil-kontro eżami ikkonfertmat li l-imputat kien jidher jagħti daqqa ta' sieq fuq il-vettura tal-vittma. Mill-filmat deher li l-mara resqet viċin wiċċ il-vittma u kien dak il-mument li resaq l-imputat. Meta kienet qaltlu biex ma jagħtix każ l-awdjo, kienet qegħda tirreferi għal ilhna li kien hemm fuq wara li kienu tal-Pulizija li kienu xogħol dakinhar li bdiet tieħu l-filmat għal fuq il-mobile tagħha. Hija kienet uriet il-filmat lill-imputat waqt l-arrest tiegħu.

**PS2392 Martina Grech** qalet li fid-29 ta' Diċembru 2023, kienet irċeviet rapport magħmul minn Trevor Calleja minħabba li kienu serqulu flus minn ġewwa kartiera li kienet fil-vettura tiegħu waqt li kien fil-Marsa. Il-Pulizija marru jagħmlu tfittxija flimkien mal-vittma sabiex jaraw jekk isibux il-persuni li kienu involuti fis-serqa. Fil-fatt kienu instabu u ġew arrestati. Waqt li saret tfittxija fuq il-persuna ta' Shanelle Farrugia instabu l-flus li kienu insterqu li fil-fatt kienet tathom lill-pulizija mill-ewwel.

**PC 397 Ramona Magro** qalet li fid-29 ta' Diċembru 2023, kien daħal rapport magħmul minn Trevor Calleja minħabba li kienu serqulu flus minn ġewwa kartiera li kienet fil-vettura tiegħu waqt li kien fil-Marsa. Il-Pulizija marru jagħmlu tfittxija flimkien mal-vittma sabiex jaraw jekk isibux il-persuni li kienu involuti fis-serqa. Fil-fatt kienu instabu u ġew arrestati. Waqt li saret tfittxija fuq il-persuna ta' Shanelle Farrugia instabu l-flus li kienu insterqu li fil-fatt kienet tathom lill-pulizija mill-ewwel. Fil-fatt kien ġie arrestat ukoll l-imputat u il-flus li kienu sabu poġġewhom ġewwa evidence bag li fil-fatt ġew esebieti f'dawn il-proċeduri.

**Eric Joe Calleja** fejn huwa ikkonferma li kien għadda filmat lil Pulizija minħabba investigazzjoni wara li kienet hemm talba lil LESA.

**Shanelle Farrugia** hija rat il-filmat u ikkonfermat li kienet għarfet lil vittma u lill-imputat. Dak iż-żmien kienet tpejjep is-synthetic u ma kellhiex sigaretti. Hija kienet avvicinat il-vittma u staqsiet għal sigarett u fil-fatt kien ta tnejn. L-imputat kien qalilha biex titolbu żewġ euro halli

jaraw x'għandu fil-kartiera. L-imputat kien qalilha biex thajjar il-vittma sabiex imur magħha għal skop ta' prostituzzjoni. Fil-fatt il-vittma kien irrifjuta li jmur magħha. Hija kienet ħadet il-kartiera minn ġewwa l-vettura fejn kien hemm il-flus ġewwa fihom. Meta l-vittma kien induna li ħadet il-flus, qalilha biex tieħu ħamsin imma tagħtih il-kumplament tal-flus. Hi bdiet tgħidlu li ma kienx minnhu li serqet il-flus. Hija ikkonfermat li kien l-imputat li qalilha sabiex tersaq lejn il-vittma.

**Dr Franklin Calleja** li esebixxa sentenzi fil-konfront tal-imputat li ġew immarkati bħala dok FC1 u FC2.

**Priviledge Mupimhidzi** xehed u qal li hu kien jaf lil Shanelle Farrugia minħabba li ma kellhiex fejn toqgħod u qalilha tista' tiġi toqgħod għandu imma trid tħallas tal-kera. Huwa kien jinżel il-Marsa minħabba li kellu vizzju tad-droga u dakinhar tad-29 ta' Diċembru huwa kien ried jinżel il-Marsa u Shanelle Farrugia qaltlu biex tiġi miegħu. Waqt li kienu fil-Marsa waqfu ħdejn il-magna tal-BCRS u ra wieħed raġel jirrabja għax il-magna ma bdietx tagħtih biljetti. Huwa mar ikellmu u qallu li jekk irid hemm ħanut li jagħtih flus għal fliexken . Huwa telaq minn ħdejh u Shanelle Farrugia marret ħdejh sabiex tkellmu minħabba x-xogħol li hija kienet tagħmel . F'ħin minnhom huwa ra lil Shanelle u l-vittma jargumentaw qieshom bil-għlied. X'ħin mar ħdejhom qallu ma kellux għalfejn jgħajjat u jekk irid imur jagħmel rapport l-għassa. Ra lill-vittma dieħel fil-karozza u ħaseb li kien se joħroġ arma u tah daqqa fuq il-vettura bħala self defence. Huwa telaq minn fuq il-post u waqt li kien fil-ġnien ġewwa l-Marsa jara tlett karozzi tal-Pulizija u ftit wara telaq lejn ħanut fejn ġew fuqhu l-Pulizija u arrestawh. Kienet kellmitu l-ispettura u wara tressaq il-Qorti fuq kompliċita ta' serq. Huwa kompla jgħid li waqt li kien arrestat, l-ispettura kienet urietu filmat fejn fil-filmat kien għaraf leħnu u dik ta' Chanelle Farrugia. L-ispettura kienet qaltlu biex ma jagħtix każ l-audio li kien hemm fuq il-filmat. In kontro-eżami qal li huwa kien jaf lil Shanelle minħabba li kienet għamlet programm miegħu minħabba l-vizzju tad-droga u wara kien hemm żmien fejn ġiet tgħix miegħu u tħallas il-kera

**Ikkunsidrat:**

Fatti tal-Każ

Illi dan il-każ jirrigwarda serqa li sehhet għad-dannu ta' Trevor Calleja. Il-vittma kien qiegħed ġewwa l-Marsa ħdejn il-magna tal-BCRS u f'mument minnhom ressqu żewġ persuni li fosthom

kien l-imputat. Dawn talbuh sigarett u fil-fatt huwa kien tahom u ftit wara l-mara talbitu xi flus żgħar. F'mument minnhom il-mara daħlet fil-vettura u minn hemm serqet il-kartiera li kellu ġewwa fiha. Minn ġewwa fiha haditlu il' fuq minn erbat mitt ewro. X'ħin qalilha li kienet serqitu hi bdiet tgħajjat u minflok ġie l-imputat u beda jgħajjat u ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura tal-vittma. Trevor Calleja mar jagħmel rapport l-għassa fejn ftit wara ġew arrestati kemm l-imputat kif ukoll l-istess Shanelle Farrugia.

**Ikkunsidrat**

**Ir-Reat ta' Serq**

Illi għalhekk mill-fatti u x-xhieda li għandha quddiema din il-Qorti trid tasal għal konklużjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx involut f'din is-serqa. Illi tajjeb li ssir analiżi ta xi ġurisprudenza f'pajjiżna li daħlu fl-analiżi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif ġie deċiż fl-ismijiet r-**Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet hekk:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioè' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.*

Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-każ **Pulizija vs James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie iddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, però', b' "res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li l-fatti - inklużi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konklużjonijiet minn dawk il-fatti, allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistgħu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konklużjoni univoka u li biha il-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbiltà' kriminali tal-imputat jew akkużat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 ġie iddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konklużjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoci'.*

Ħarsa wkoll dak li jgħid il-ġurista Ingliż, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' tagħha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three*

*stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi dan il-każ huwa mibni fuq provi indizzjarji kif ukoll mix-xhieda ta' Shanelle Farrugia. Illi bla dubju ta' xejn l-imputat kien preżenti flimkien mal-istess Shanelle Farrugia li kien hi li ħadet il-flus minn ġewwa l-kartiera tal-vittma li kienet fil-karozza. Huwa wkoll fatt li hadd ma qal kemm mill-istess vittma u anki minn Shanelle Farrugia li l-imputat daħal fil-vettura jew inkella li l-pulizija sabulu xi flus fuq il-persuna tiegħu. Dawn il-flus instabu fuq il-persuna ta' Shanelle Farrugia. Illi minn dan kollu kienet l-istess Shanelle Farrugia li qalet li kien l-imputat li qalilha sabiex jaraw x'għandu fil-kartiera.

Illi mill-provi mressqa l-prosekuzzjoni qiegħda tistrieħ fuq dak li qalet Shanelle Farrugia iżda mix-xhieda li hija tat ma jirriżultax li semmiet li ftehmu li kellhom jisirqu lil Trevor Calleja. Fil-fatt l-unika kliem li hija użat kien li sabiex jara x'għandu fil-kartiera. Fil-fatt il-flus li kienu jappartjenu lil vittma instabu fuq il-persuna ta' Shanelle Farrugia u meta ġiet arrestata l-imputat ma kienx magħha dak il-hin għalkemm kienu telqu flimkien minn ħdejn il-vettura tal-vittma.

**Kompliċita fis-Serq.**

Għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' kompliċita' u skont il-Prof Mamo fin-noti tiegħu (Notes on Criminal Law Vol I paġna 124) fejn jidħol il-kompliċita' qal hekk:

*"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence"*.

Illi l-istess Qorti tal-Appell (**Ir-Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech** deċiża fid-29 ta’ Settembru 2004) qalet hekk li:

> *“Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.”*

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jgħallem ukoll li:

> *“A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.”*

Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta l-kompliċita fir-reat adebitat lill-imputat irid jiġi sodisfacentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imputat

*(i)* *kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u*

*(ii)* *li hu deliberatament għenu biex hekk iwettaq id-delitt billi għamel xi ħaġa li tinkwadra f’wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali.*

Is-sempliċi fatt li l-imputat kien qiegħed fuq il-post u qal lil Shanelle Farrugia biex tara x’għandu fil-kartiera ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf x’kellu f’moħħ il-persuni li kienet involuta f’din is-serqa.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Carmelo Agius** deċiża fl-24 ta’ Frar tas-sena 2002 iċċarat li:

> *“Huwa veru li l-preżenza ta’ persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista’ tammonta ghall-kompliċita` f’dak id-delitt kemm-il darba*

*jkun jirrizulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt".*

Illi għalhekk, applikati dawn il-prinċipji għal każ in eżami, dak li jrid jiġi pruvat hu li l-imputat Priviledge Mupimhidzi kien jaf x'kellha f'moħha Shanelle Farrugia u li hu ghena b'xi mod hekk kif indikat fl-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-imputat xehed f'dawn il-proċeduri u għalhekk il-Qorti trid tara x'qal u tifli wkoll kwalunkwe prova oħra mressqa f'dawn il-proċeduri għal sejbien ta' ħtija o meno. Illi fl-istqarrija tiegħu huwa ma semma xejn dwar involviment tiegħu fis-serqa.

Din il-Qorti wara li rat il-provi kollha mressqa tara li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li bejn l-imputat Priviledge Mupimhidzi u Shanelle Farrugia kien hemm xi ftehim bejniethom biex issehh din is-serqa. Illi anki kieku sar jaf li għamlu serqa fil-ġurisprudenza tagħna ma teżistix il-kompliċita wara li tkun sehhet is-serqa.

Illi fuq l-insenjamenti ta' Prof Mamo u s-sentenzi hawn fuq kwotati fejn ġie stipulat '*A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability.'* Illi għalhekk dak li huwa rikjest hu li l-'common design' bejn il-partijiet jiġi pruvat xi ħaġa li l-prosekuzzjoni ma resqitx. Illi għalhekk din il-Qorti mhux konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat Priviledge Mupimhidzi kien kompliċi f'dan il-każ tas-serqa addebitata lilhu.

**Ħsara Volontarja**

Għal din l-imputazzjoni din il-Qorti qegħda ssib lill-imputat hati u dan minħabba l-fatt minn dak li qal l-istess Trevor Calleja kif ukoll l-istess imputat Priviledge Mupimhidzi meta huwa għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri.

Madanakollu TrevorCalleja jgħid li l-ħsara tal-karozza piet tiswih mitejnEwro (€200) fix-xhieda tiegħu u ippreżenta stima. Dan l-ammont ma ġiex ikkontestat min-naħa tad-difiża u l-imputat stess jammetti li ta daqqa fuq il-karozza ta' Trevor Calleja. Għalhekk il-Qorti ma tistaxissib ħtija fil-konfront ta' l-imputat f'dak li jinkwadra fl-Artikolu 325(1)(b) iżda ssib ħtija għal din l-imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(ċ).

**L-akkuża fuq ir-reċidiva that l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat ġie akkużat li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mis-sentenzi esibiti fil-konfront tal-imputat fejn huwa kien ġie misjub hati u ġie ikkundannat b'sentenza tal-24 ta' Ġunju 2022 għal erba' snin u sitt xhur priġunerija filwaqt fis-17 ta' Marzu 2016 kien instab hati u weħel sitt snin priġunerija. Illi jidher minn dawn is-sentenzi li l-imputat ilu jxellef dufrejh mal-ġustizzja fejn inghata kemm sentenzi ta' priġunerija. Illi f'dan il-każ il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-imputat jistax jinstab hati li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imħallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant ġie akkużat ukoll li sar reċidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, ġie ritenut:*
> *"Bħal ma dejjem ġie ritenut, l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża bħal dawn in kwistjoni hi li tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identità` … "*

Illi f'dan il-każ ġew mgħoddija diversi kopji ta' sentenzi fejn l-imputat kien ġie misjub hati ta' serq. Illi bla dubju ta' xejn dawn is-sentenzi kollha jindikaw li huma fil-konfront tal-imputat. Illi għalhekk f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni mid-diversi sentenzi esebieti ipprovat li l-imputat kien reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu hemm referenza wkoll ghall-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-każ, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġie msemmi u għalhekk tali prova trid tinġieb sabiex l-imputat għandux jinstab hati jew le f'dawn iċ-ċirkostanzi. L-artikolu 289 jagħmel referenza meta persuna f'każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-każ fuq serq) tiġi misjuba ħatja l-piena tiżdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti speċjali u din hija dispossizzjoni speċjali f'każ tat-tieni kundanna għal kommissjoni ta' reati tan-natura

li jaqgħu f’dan l-artikolu. Illi f’dan il-każ, is-sentenzi esibiti fil-konfront tal-imputat kienu ta’ natura ta’ serq minn diversi postijiet.

Illi skont kif inhu deċiż, l-imputat ġie meqjus li huwa reċidiv għal fini tal-artikoli 49 u 50. Is-sentenzi esibiti kienu jittrattaw fuq serq f’dan il-każ l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta iżda l-imputat ma ġiex misjub hati ta’ serq f’dan il-każ iżda ta’ ħsara volontarja. Illi għaldaqstant a bażi tal-fatt mis-sentenzi esebieti l-imputat qiegħed jiġi misjub hati talli rrenda ruħhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u mhux that l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi hawn il-Qorti wara rat il-proċess u l-fedina penali kopjuża ta’ l-imputat m’għandha l-ebda triq oħra għajr li tqis l-unika piena idoneja li għandha tingħata f’dan il-każ huwa ta’ priġunerija effettiva u dan għall-fatt li l-imputat ilu minn eta żgħira jxellef difrejh mal-ġustizzja u minkejja li ngħata diversi opportunitajiet biex jipprova jirranġa ħajtu huwa dejjem baqa’ miexi fit-triq tal-kriminalita’.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 42, 43, 261(c)(f), 267, 270, 280(1), 325(1)(ċ), 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat, Priviledge Mupimhidzi mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront tiegħu u minnha tilliberah u ssibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(ċ), kif ukoll għall-addebitu tar-reċidiva skond kif spjegat hawn fuq u tikkundannah għal piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.

Inoltre ai tarmini ta’ l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat ħati Priviledge Mupimhidzi jħallas l-ammont ta’ mitejn Ewro (€200) lil Trevor Calleja. Din l-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-fini u l-effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**